MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2002

Numru 463/2001

Il-Pulizija
(Sp Jason Agius)
vs
Jason Zammit, iben Anthony,
imwieled Pieta' fit-22 ta'
novembru, 1974
u
Joseph Zammit, iben Anthony,
imwieled Pieta' fit-30 ta'
awissu, 1983

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputati –
1. talli fl-4 ta' awissu, 2001, f'xi ħin bejn is-1.00 p.m. u is-2.00 p.m., f'Raħal Ġdid, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura tal-għamla mazda 323, bin-numru tar-reġistrazzjoni JAF 786, għad-dannu ta' Joseph

Caruana minn Raħal Ġdid liema ħsara tammonta għal aktar minn ħames mitt liri maltin (Lm500);
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi kkaġunaw feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Thomas Vella u Joseph Caruana skond kif iċċertifika Dr. J. Cassar M.D.;
3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi ħebbew kontra Thomas Vella u Joseph Caruana sabiex jinġurjawhom, jdejquhom jew jagħmlu ħsara lil dawn il-persuni jew lil ħaddieħor;
4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi għamlu lil dawn il-persuni u cioe' lil Thomas Vella u Joseph Caruana nġurji jew theddid jew talli kienu pprovokati, inġurjaw b'mod li ħarġu mill-limiti tal-provokazzjoni;
5. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi kissru volontarjament il-bon ordni jew
il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u ġlied;
lil JASON ZAMMIT, waħdu –
6. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi kkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq
il-persuni ta' Annunzjata Caruana u Sandra Zammit, skond kif iċċertifika Dr. J. Cassar M.D.;
7. talli fl-4 ta' awissu, 2001, f'xi ħin bejn l-10.00 a.m. u nofs in-nhar f'Raħal Ġdid ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Sandra Zammit skond kif iċċertifikaDr. Jason Bonnici M.D.
8. talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat carol Peralta, fis-6 ta' novembru, 2000.
Il-Qorti ġiet mitluba li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni Joseph Caruana, Thomas Vella, Annunzjata Caruana u Sandra Zammit u tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' mejju, 2002 fejn l-imputati u l-parte ċivile qablu li jittraferixxu reċiprokament żewġ vetturi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ ġunju, 2002 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-vetturi ġew trasferiti skond il-ftehim.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ ġunju, 2002 fejn l-imputat ammettew l-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom.

Għaldaqstant, issib lill-imputat Joseph Zammit ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 325(a), 221(1), 339(d)(e) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9
tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Issib lill-imputat Jason Zammit ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 325(a), 221(1), 339(d)(e) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 10 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta’ Malta. Tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ mitejn u ħamsin liri maltin (Lm250). Fiċ-ċirkostanżi ta’ dan il-każ mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

--------------------------------TMIEM--------------------------------